



# Aħbar Tajba

Is 25, 6-10a
S 22 (23), 1-3a.3b-4.5-6
Fil 4, 12-14.19-20
Mt 22, 1-14

**"Il-festa mħejjija, imma lil dawk ma kienx ta' min jistedinhom għaliha.**
Mela morru f'salib it-toroq u sejħu għall-festa lil kull min issibu."

Qatt mort għal xi *party* ta' xi ħadd minn sħabek? Forsi *birthday party* jew inkella wara l-Ewwel Tqarbina. Naħseb iva, hux hekk? Jista' jkun li anki inti kellek *party* u għalih stedint lil sħabek. Għalkemm ħafna mix-xogħol għall-*party* ħafna drabi jieħdu ħsiebu l-ġenituri, imma naħseb tista' timmaġina kemm jinvolvi xogħol biex tagħmel *party* żgħir, aħseb u ara wieħed kbir bħal xi tieġ! Qed insemmi tieġ għax Ġesù se jkellimna dwar festa ta' tieġ għal bin is-sultan – ma nafx jistax ikollok *party* ikbar!

Imma l-mistednin mhux talli ma ridux imorru għall-festa tat-tieġ, talli ġġieldu mas-sultan u ġabu ħafna inkwiet fuqhom. Imma s-sultan xorta ried li jagħmel festa lil ibnu u allura jiftaħ il-festa għal kull min jixtieq. Għalhekk bagħat lill-qaddejja tiegħu fit-triq biex jistiednu lil kulħadd imur lura fil-palazz magħhom għall-festa. Tgħidx kemm marru nies! Imma hekk kif jidħol is-sultan jinduna li kien hemm xi ħadd li ma kienx liebes il-libsa tat-tieġ. Tgħidx kemm irrabja u spiċċa keċċieh 'il barra. Għaliex taħsbu li rrabja s-sultan? Kif seta' dak ir-raġel jilbes għat-tieġ jekk meta ħareġ mid-dar ma kienx jaf li sejjer għat-tieġ?

Għandkom raġun ma tifhmux din il-parti tal-parabbola. L-istorja li rrakkonta Ġesù tgħidilna li n-nies kienu qegħdin fit-triq fuq xogħolhom xħin ġew il-qaddejja u ħaduhom għat-tieġ. Żgur li ma kellux ċans imur ibiddel!

Imma tajjeb li tkun taf li l-libsa tat-tieġ kienet biċċa lbies li kont tilbes inti u dieħel fis-sala tat-tieġ. Is-sultan kien ħaseb għaliha minn qabel. In-nies kulma kellhom jagħmlu hu li jiġbruha huma u deħlin fis-sala u jilbsuha. Imma dan ir-raġel ma kienx jimpurtah mis-sultan. Wara li kien stiednu għall-iktar jum importanti għas-sultan - iż-żwieġ ta' ibnu - u tah x'jiekol u x'jixrob, kulma kellu jagħmel dan ir-raġel hu li juri rispett u jilbes dik il-biċċa lbies.

Imma dan ir-raġel ma tax kas. Ma apprezzax dak li kien għamel miegħu s-sultan u għalhekk is-sultan jirrabja ħafna għalih!

X'irid jgħallimna Ġesù? Ġesù qed jurina li s-Sinjur Alla fetaħ il-bibien tas-Saltna tiegħu għal kulħadd, imma dan ma jfissirx li aħna ma rridu nagħmlu xejn. Ġesù qed jurina li aħna rridu nikkoperaw mal-qalb tajba tas-Sinjur Alla.

## Sib il-Kelma

**Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.** SULTAN, FESTA, TIEĠ, IBNU, MISTEDNIN, SALIB, TOROQ, ĠABRU, NIES, LIEBES, IMSEJĦIN, MAGĦŻULIN

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| T | R | I | Q | P | A | S | S | A | Ġ |
| M | O | GĦ | D | I | J | A | H | I | Ġ |
| M | A | GĦ | Ż | U | L | I | N | M | E |
| F | E | S | T | A | S | A | B | S | B |
| K | D | U | IE | E | K | O | N | E | L |
| B | I | L | Ġ | A | B | R | U | J | A |
| I | P | T | Ġ | E | R | I | K | Ħ | O |
| R | L | A | E | Ż | D | R | A | I | P |
| I | B | N | U | T | R | I | V | N | O |
| M | I | S | T | E | D | N | I | N | P |
| A | W | A | O | Q | L | IE | B | E | S |
| L | A | L | R | U | IE | S | E | L | L |
| T | R | I | O | D | M | M | GĦ | A | U |
| A | A | B | Q | D | R | A | B | B | I |



**"Il-festa mħejjija, imma lil dawk ma kienx ta' min jistedinhom għaliha.**
Mela morru f'salib it-toroq
u sejħu għall-festa lil kull min issibu."

## Mulejja Nafda Fik - Thomas Merton

Mulejja Alla tiegħi,
ma għandix idea fejn jien sejjer.
Ma nistax nara t-triq quddiemi.
M'iniex ċert fejn ser twassalni.
Lanqas lili nnifsi ma naf,
u għalkemm naħseb li qed nagħmel
dak li trid int ma jfissirx li dan qed nagħmlu.
Iżda nemmen li x-xewqa li għandi
li nixtieq nogħġbok
iġġegħelni nemmen li togħġbok.
U nittama li għandi din ix-xewqa
f'dak kollu li nagħmel.
Nittama li qatt ma nagħmel xejn
li jmur kontra din ix-xewqa.
U naf li jekk nagħmel dan
int ser tmexxini fit-triq it-tajba,
anke jekk jien ma nindunax.
Għalhekk jien nafda fik kull ħin
għalkemm forsi nkun nidher li ntlift
jew li nkun ninsab fid-dell tal-mewt.
Jien ma nibżax għax int dejjem miegħi,
u qatt ma int ser tħallini waħdi
meta nkun wiċċ imb wiċċ mad-diffikultajiet.



Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.




**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**

**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**

www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola

SAY IT!
www.sayitmalta.com
32, Tarxien rd Paola
YOUTHEME

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web

**Promozzjoni**




Issa tista' tirreklama fuq
Aħbar **Tajba**

Dan il-fuljett joħroġ
kull ġimgħa u jitqassam
fil-parroċċi kollha
ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100
jew ibgħatilna email fuq
info@sayitmalta.com

AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.

mediacentre

YOUTHEME FOUNDATION